MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 2188/1998/1

**Maltacom PLC**

**Vs**

**Lawrence u Elizabeth konjugi Pisani u b'digriet tal-Qorti tal-27 ta' Settembru 1999 is-socjeta Abba Travel & Yacht Charter Limited giet kjamata in kawza.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lis-socjeta attrici (li b'att tal-Parlament qieghda tissostitwixxi dik li qabel kienet maghrufa bhala l-Korporazzjoni Telemalta) is-somma ta' hames mija u disa u erbghin lira Maltin u erba u hamsin centezmi (Lm549.54), liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni man-numru tat-telephone 243093 (skond kif

jirrizulta mid-dokument A anness mal-avviz) liema servizz gie nstallat mill-Korporazzjoni Telemalta gol-fond “Irdoss” Triq l-Laring, Attard, skond ma kif jirrizuta mis-“service agreement” anness mad-dokument B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjata datata 11 ta’ Settembru 1998, tat-taxxa tas-sisa fuq is-servizzi nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li giew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz a fol 2 tal-atti u markat “DokA”.

Rat dak verbalizzat a fol 17 tal-atti minn fejn jirrizulta li s-socjeta attrici ser titlob il-kjamata in kawza tas-socjeta “Abba Travel and Yacht Charter Limited” stante li l-istess konvenut iffirma l-ftehim mas-socjeta attrici f’isem din kumpanija.

Rat id-digriet Taghha moghti fis-27 ta’ Settembru 1999 (fol 17 u fol 18 ibid) u li bih giet kjamata in kawza l-istess socjeta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti wahedhom (fol 48 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament it-talba tas-socjeta’ attrici hija preskritta fil-konfront tal-konvenuti konjugi Pisani;
2. Illi l-konvenuti konjugi Pisani mhumiex il-legittimi kuntraditturi u qatt ma ezistiet relazzjoni guridika mas-socjeta attrici fuq in-numru tat-telefon imsemmi fl-avviz u konsegwentement, il-konvenuti konjugi Pisani ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici mhuwiex dovut mill-konvenuti konjugi Pisani, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Illi l-konvenut Lawrence Pisani kien direttur tas-socjeta Abba Travel & Yacht Charter Limited u kien iffirma ghan-numru tat-telefon ghan-nom tal-imsemmija socjeta u mhux f’ismu personali;

5. Illi mhux minnu illi n-numru tat-telefon 243093 gie stallat fir-residenza tal-konvenuti konjugi Pisani u cioe fil-fond “Irdoss”, Triq il-Laring, Attard, izda fl-ufficcju registrat tas-socjeta kjamata fil-kawza Abba Travel & Yacht Charter Limited u cioe Fort Flats, 6, Triq ix-Xatt, Pieta;
6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota addizzjonali tal-istess konvenuti (fol 53 ibid) u li biha in rigward l-ewwel eccezzjoni in esami indikaw l-artikolu 2148(f) u 2156(f) tal-Kodici Civili u dan b’referenza ghal dak verbalizzat a fol 52 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, b’referenza ghall-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-konvenuti “proprio” u li tirreferi ghall-estinzjoni tal-azzjoni in esami bit-trapass tal-perjodu, rispettivament ta’ tmintax-il xahar u hames snin. Kif jidher mill-artikoli citati, ghandu jigi rilevat is-segwenti:-

a) Is-socjeta kjamata in kawza ghadha sallum ma hiex notifikata bl-avviz in esami;
b) Il-konvenuti “proprio” gew notifikati permezz ta’ affissjoni, kif jidher a fol 16 “a tergo” u bi publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (fol 27 ibid) u dan rispettivament fil-5 ta' Awissu, 1999 u fil-15 ta' Settembru 2000. Wara li s-smiegh ta’ din il-kawza kien gie differit ‘sine die’, hi giet riappuntata ghall-istess skop fit-18 ta’ Marzu 2003 u l-konvenuti notifikati, bil-mozzjoni tar-ri appuntament fis-16 ta’ Lulju 2004 (ara fol 46 a tergo). Kien f’dan l-istadju li gew presentati l-eccezzjonijiet, hemm fuq imsemmija kif jidher a fol 48 ibid.
c) Dwar dak li ghadu kemm inghad il-Qorti hi tal-fehma, wara li rat l-artikolu 187(1) u (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet tal-Malta illi l-ewwel notifika li saret konformi mal-ligi kienet dik tas-16 ta’ Lulju 2004.
d) Mid-dokument a fol 59 ibid, jidher li l-ammont allegatament dovut lis-socjeta attrici jkopri l-perjodu bejn it-13 ta’ Novembru 1996 sat-2 ta’ Mejju 1999 bl-ahhar kreditu ossija pagament jigi effettivat fil-25 ta’ Lulju 1998.

e) Is-socjeta attrici kienet interpellat lil konvenut, wahdu u ‘proprio’ sabiex jhallas l-ammont ta’ Lm558.04 “in konnessjoni mas-servizz tat-telefon …….” Permezz ta’ ittra ufficjali presentata fil-11 ta’ Settembru 1998, liema ittra, pero’ ma gietx notifikata (ara fol 57 u fol 58 ibid) kif ukoll l-Artikolu 2130(1) u (2) tal-Kodici Civili).

Ikkunsidrat

Illi l-kaz in esami jirreferi ghal servizz ta’ telefon provdut mis-socjeta’ attrici lil dik kjamata in kawza (ara, f’dan ir-rigward fol 17 ibid) liema socjeta sallum, ma gietx notifikata b’xi att gudizzjarju sabiex setghet giet interrotta l-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-konvenuti ‘proprio’ kif di gja ntqal, l-ewwel notifika skond il-ligi a basi tal-artikolu 187 hawn fuq imsemmi saret fis-16 ta’ Lulju 2004.

Illi l-Qorti hi tal-opinjoni illi f’dan il-kaz hu applikabbli l-perjodu ta’ preskrizzjoni ta’ hames snin a basi tal-artikolu 2156(f) hawn fuq imsemmi. Difatti l-perjodu ta’ hmistax-il xahar speciifkat fl-artikolu 2148(f) ma jidhirx li hu applikabbli f’dan il-kaz trattasi ta’ ghoti ta’ servizz u mhux ta’ kiri ta’ hwejjeg mobbli (ara d-definizzjoni ta’ kiri mobbli fl-artikolu 312 ibid).

Ili, pero, jidher ukoll li, fil-konfront tal-konvenuti, dan il-perjodu kien gie interott ghall-ewwel darba meta saret in-notifika tal-mozzjoni tar-ri-appuntament tas-smiegh ta’ dan il-kaz cjoe, kif di gja ntqal, fis-16 ta’ Lulju 2004. Hu minnu li l-istess avviz gie presentat fl-10 ta’ Novembru 1998.

Pero wara li ghadda certu perjodu ta’ zmien, li fih kienu saru l-affissjoni u l-publikazzjoni fil-Gazetta tal-Gvern, biss minghajr dik f’gazzetta lokali, il-konvenuti kienu ircevew il-mozzjoni tar-riappuntament wara li skadew hames snin mill-presentata tal-istess avviz, u b’hekk jigi operattiv f’dan il-kaz dak li jinghad fl-artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili.

Minhabba dak li intqal, l-azzjoni in esami ghandha tigi ritenuta preskritta.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi ukoll sottolineat illi kien gie verbalizzat mis-socjeta attrici illi l-ftehim li jirreferi ghall-ghoti tas-servizz ta' 'telephone' in esami kien sar mis-socjeta kummercjali hemm fuq imsemmija (ara fol 17 ibid) liema socjeta qatt ma giet notifikata b'xi att gudizzjarju sabiex tigi interotta l-preskrizzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tiddikjara l-azzjoni in esami bhala estinta. In rigward l-ispejjes, dawn jithallsu mill-istess socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------